MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 730/2007

Victor u Carmen konjugi Mercieca (Id. 0202951M u 260153M).

Vs

Nazzareno u Marianna konjugi Xerri (Id. 07180033M u 0694539M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannti jhallsu u jirrifondu s-somma ta’ disa’ mitt lira Maltin (Lm900) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan it-Tribunal, rapprezentanti l-prezz imhallas mill-atturi lill-konvenuti ghall-vettura tal-marka Skoda bin-numru ta’ registrazzjoni BAA 534, liema bejgh sar fit-30 ta’ Lulju 2007, stante illi f’din l-istess vettura rrizulta difett mohbi, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjes, inkluz tal-ittri interpellatorji datati 6 ta’ Awissu 2007 u 13 ta’ Awissu

2007, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew illi (i) preliminarjament it-talba attrici tezula mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal stante li t-talba mhijiex wahda ghal ammont ta' flus kif trid il-ligi taht il-provvediment tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380 fejn tirreferi ruhha ghal 'only all money claims', izda hija ta' rexxissjoni ta' bejgh u huwa biss per konsegwenza u sussidjarjament li tali talba ggib il-hlas lura tal-prezz; (ii) illi fil-mertu in ogni kaz, minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (iii) illi fil-fatt qabel ma gie konkluz in-negozju tal-bejgh tal-vettura tal-marka Skoda bin-numru ta' registrazzjoni BAA 534 fit-30 ta' Lulju 2007, l-intimati taw kull opportunita' ragjonevoli lill-atturi sabiex jaghmlu l-verifiki teknici kif ukoll personali sabiex jaslu ghal tali vendita u fill-fatt il-konvenuti anki offrew lill-atturi sabiex isuqu huma personalment u jippruvaw din il-vettura; (iv) illi ghal kull buon fini, r-rikorrenti kellhom is-servigi ta' sensar sabiex iressaq lil partijiet ghall-konkluzzjoni tal-ftehim li kien ukoll prezenti waqt it-trial run tal-vettura li sar appozitament ghal dan l-iskop u li ma rrizultaw ebda problemi jew difetti waqt tali prova; (v) illi mhux minnu li l-vettura bil-marka Skoda bin-numru ta' registrazzjoni BAA 534 kellha xi difett mohbi li sa llum ghadu ma giex specifikat mill-atturi. Illi ghandu jigi ccarat li l-konvenuti dejjem kienu jzommu din il-vettura fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, dejjem kienet 'garaged' u f'id sid wiehed biss u qatt ma kellhom problemi teknici jew ohrajn fiha. Illi inoltre l-konvenuti tant aggixxew b'mod prudenti li kienu jaghmlu 'servicing' regolari tal-imsemmija vettura u l-ahhar wiehed li sar kien cirka xaghrejn qabel tali bejgh. Ghaldaqstant it-talba tal-atturi ghandha tigi michuda, bl-ispejjes. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2008.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ra d-dokumenti li gew esebiti.

Ra l-verbal tal-15 ta’ Jannar 2008. fejn il-kawza giet differita’ ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti hija fis-sens illi dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi dwar dan il-kaz peress illi t-talba mhijiex wahda ghal ammont ta’ flus kif trid il-ligi taht il-provvediment tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380.

Illi jidher car mill-istess talba tal-atturi kif kontenuta fl-Avviz minnhom ipprezentat, li bhala parti mill-process, sabiex jasal biex jiddeciedi t-talba tal-atturi, t-Tribunal per necessita’ ghandu l-ewwel jezamina u jidhol fil-mertu dwar jekk il-vettura in kwistjoni kellhiex jew le, difetti mohbi. Illi huwa biss jekk tali difett mohbi fil-vettura verament jirrizulta jew jigi ppruvat illi t-Tribunal ikun jista’ jidhol fil-kwistjoni tar-rexissjoni tal-bejgh u ergo tar-rifuzzjoni tal-prezz kif mitlub mill-atturi.

Illi ghalhekk huwa car illi hawnhekk non si tratta ta’ semplici ‘money claim’ kif titlob il-ligi fl-Artikolu 3 tal-Kap 380, izda kif jidher mill-kawza kif imposta mill-atturi, si tratta ta’ kawza ta’ rexissjoni ta’ bejgh u sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba tal-atturi, t-Tribunal ghandu bilfors jidhol f’kwistjonijiet li bla dubju ta’ xejn jezorbitaw mill-kompetenza tieghu.

It-Tribunal jidhirlu illi r-radikar tal-kompetenza tieghu johrog car mit-talba tal-atturi kif formulata, liema talba alavolja mahsuba sabiex tirkupra somma determinata li taqa taht il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal, ma tistax titqies izolata mill-ragunijiet ghaliex dan l-ammont qed jintalab, liema ragunijiet johorgu mill-kompetenza tieghu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti w konsegwentement jiddikjara ruhhu inkompetenti sabiex jiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-kawza. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu ssoportati mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------